# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Numru 2482**

Kaz Nru: 3324/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Anthony Compagno

u

Malta Public Transport Services (Operations) Ltd.

Illum: 25 ta' Mejju, 2017

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*.

**CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem ir-rikorrent fid-19 ta' Dicembru 2014.

Fir-rikors u dikjarazzjoni tal-kaz, ir-rikorrent qal li kien impjegat bhala *Bus Cleaner/ Fueller*, fuq bazi *full-time* u indefinit mis-socjeta' intimata sat-23 ta' Settembru 2014 meta l-impjieg tieghu gie tterminat fuq bazi dixxiplinarja (Dok A). L-impjieg gie tterminat wara process ta' dixxiplina, fejn ir-rikorrent gie akkuzat b'attentat ta' serq ta' oggetti tal-kumpanija intimata, precizament zewg (2) *jerry cans* zejt.

Illi l-*Union* rapprezentattiva tar-rikorrent gharrfet lis-socjeta' intimata (Dok B) li r-rikorrent ried jappella mid-decizjoni, u dan minkejja li l-kumpanija intimata kienet diga' hadet id-decizjoni tat-tkeccija u ghaldaqstant is-socjeta' intimata ma taghtx kas id-dritt tal-appell u hadet decizjoni mghaggla u hazina skond ir-rikorrent. Illi nonostante din id-decizjoni, inzamm l-appell u b'decizjoni tal-21 ta' Ottubru 2014 (Dok C) ir-rikorrent gie mgharraf illi fl-istadju tal-appell *'it resulted your actions were in relation to theft, fraud and dishonesty'* u allura gie mgharraf li d-decizjoni diga' mehuda ta' tkeccija kienet gustifikata u s-socjeta' intimata kienet qed tikkonferma d-decizjoni ta' tkeccija.

Skond ir-rikorrent il-process dixxiplinarju kiser id-drittijiet tar-rikorrent milli jiddefendi ruhu skont il-ligi u skont il-ftehim kollettiv fejn id-decizjoni tat-terminazzjoni ttiehdet qabel ma gew konkluzi l-proceduri kollha stabbiliti apparti li fil-mertu r-rikorrent ghandu hafna xi jghid dwar l-akkuza ta' attentat ta' serq tant li gimghat wara d-decizjoni, fuq insistenza tar-rikorrent stess, il-Pulizija baghtu ghar-rikorrent biex jirrilaxxa stqarrija a bazi ta' liema ma ttiehdu l-ebda passi kontra tieghu.

Fir-rikors, ir-rikorrent kompla li ma kienx gust li huwa kien akkuzat b'attentat ta' serq ta' propjeta' tas-socjeta' intimata, b'decizjoni tal-appell, kif dikjarat mill-kumpanija, kellu jirrispondi wkoll ghall-akkuzi ta' frodi li huma zewg affarijiet ghal kollox differenti.

Illi mhux sewwa u gust li r-rikorrent sofra l-htija meta ma kienx hemm provi serji u konkreti sabiex tinstab il-htija tieghu, anzi, kien hu stess, li dak il-hin tal-incident meta gharrfuh li fil-vettura tieghu kien hemm zewg (2) *jerry cans*, talab li jsir dak il-hin, rapport lill-Pulizija, haga li s-socjeta' intimata rrifjutat li taghmel, talab li jittiehdu l-*fingerprints* minn fuq il-*jerry cans*, haga li l-kumpanija wkoll irrifjutat li taghmel. Ukoll ir-rikorrent talab li jigu ccekkjati *CCTV Cameras* izda wkoll kien hemm rifjut. Ir-rikorrent mill-ewwel iddikjara li kien *frame-up* u li kien haddiehor li pogga l-*jerry cans* fil-karozza tieghu anke ghaliex izommha miftuha.

Illi minkejja dan kollu, is-socjeta' intimata webbset rasha, ma ghamlet xejn minn dak mitlub, issospendietu immedjatament u baqghet sakemm keccietu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jaghti dawn l-ordnijiet kollha li dan it-Tribunal joghgbu opportun fic-cirkustanzi u skont il-ligi. Ir-rikorrent fl-ahhar tad-dikjarazzjoni tal-kaz ikompli jsostni li dan kaz ta' *frame-up* mahdum kontra tieghu u li kkawzalu hafna problemi kemm finanzjarji u ta' sahha.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha s-socjeta' intimata permezz tal-Avukat Paul Gonzi, bdiet biex tiddikjara li t-talbiet u l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati u li l-impjieg gie tterminat ghal raguni gusta u sufficjenti skont il-ligi wara li nhareg *charge* u gie ezawrit process dixxiplinarju inkluz b'appell skont il-kodici tas-socjeta' fejn ir-rikorrent kien assistit mir-rapprezentant tal-*Union* tieghu. Fuq il-mentru tal-kaz is-socjeta' intimata kompliet tiddikjara li fis-sighat bikrin ta' filghodu nhar is-Sibt 6 ta' Settembru 2014, ir-rikorrent inqabad minn kollega tieghu George Baldacchino li rah ihott zewg *garbage bags* mit-*top-up van* tas-socjeta' u jerfaghhom wara s-*seat* ta' quddiem tal-karozza privata tar-rikorrent. Baldacchino cempel lil Ray Bajada, *night-duty manager*, u wkoll informa lill-kollega tieghu Joseph Vella u t-tlieta marru fuq il-post u kkonfrontaw lir-rikorrent u staqsewh x'kellu fil-*garbage bags* li kienu fil-karozza tieghu. Ir-rikorrent iddikjara li ma kienx jaf bil-*garbage bags* u r-raguni ghaliex kienu fil-karozza tieghu u ma riedx jiftahhom. Illi meta fethu l-*garbage bags* sabu li kien fihom zewg (2) *jerry cans* mimlijin b'*engine oil* propjeta' tas-socjeta' intimata. Dan kuntrarjament ghal dak li ddikjara r-rikorrent li mhux biss kienu *jerry cans* izda, mimlijin b'*engine oil*. Dak il-hin Bajada ssospenda 'on full pay' lir-rikorrent u l-kaz gie referut lill-*Management*. Dok MPT 1, 2 u 3 jirreferu.

Wara s-socjeta' segwiet 'alla lettera', l-*Arriva Staff Handbook* rigward proceduri ta' dixxiplina. Inhareg *charge* fid-9 ta' Settembru 2014 u sar *disciplinary hearing* bir-rikorrent ikollu r-rapprezentant tal-Union tieghu, bi dritt. Ir-rikorrent inghata '*letter of dismissal*' fit-23 ta' Settembru 2014 fejn gie nfurmat bid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina

u gie nfurmat bid-dritt tal-appell kontra dak li ddikjara r-rikorrent. Ghaldaqstant, kompliet tiddikjara s-socjeta' intimata, l-argument tar-rikorrent li ma nghatax id-dritt tal-appell huwa fallaci ghall-ahhar. Huwa fatt maghruf li l-Bord ta' Dixxiplina jiddeciedi izda fl-istess hin jaghti dritt ghall-appell. L-appell sar quddiem Bord indipendenti fejn xorta kkonferma t-tkeccija fis-7 t'Ottubru 2014.

Fil-fatt, kompliet tiddikjara s-socjeta' intimata, l-ahhar ittra lir-rikorrent *'Appeal against Dismissal'* kienet datata 21 ta' Ottubru 2014. Illi l-fatt li l-Pulizija ma hadux passi kontra r-rikorrent m'ghandu l-ebda piz fil-kaz odjern, specjalment in vista tal-fatt li kollega rah ihott il-*garbage bags* u jerfaghhom fil-vettura personali tieghu. Is-socjeta' ittenni li mxiet ezatt mal-proceduri u l-kaz kien wiehed car ta' *gross misconduct* li jimmerita tkeccija minghajr *notice* u *warnings*. Ukoll mhux minnu li r-rikorrent talab li jittiehdu l-*fingerprints* u din it-talba qatt ma waslet ghand il-*management*.

Is-socjeta' intimata temmet id-dikjarazzjoni billi sostniet li t-tkeccija kienet ghal raguni gusta u sufficjenti ta' *gross misconduct* konformi mal-proceduri interni ta' dixxiplina u ghaldaqstant is-socjeta' tirrispingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent u titlob lit-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni kienet gusta u li r-rikorrent m'ghandu l-ebda dritt ghall-kumpens jew *re-instatement*.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu f'din l-ordni: Joseph Simiana – *Depot Manager MPT*, Ray Bajada – *Night Duty Manager MPT*, George Baldacchino – *Night Inspector MPT*, Joe Vella – *Assistant Engineering MPT*, ir-rikorrent, Martin Caruana – *ex-secretary* UHM u Joe Sghendo – UHM *assistant to* Martin Caruana. Gew ukoll esebiti dokumenti relatati.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk il-process dixxiplinarju li wassal ghat-tkeccija kienx wiehed gust kemm mil-lat ta' procedura u kemm mil-lat ta' provi migjuba. Dan it-Tribunal ukoll qed jikkonsidra l-provi kollha migjuba bir-reqqa biex jasal ghad-decizjoni.

Ir-rikorrent qed isostni li ma nghatax process xieraq inkluz id-dritt tal-appell u qed jinsisti fuq 'wrongful dismissal'. Ir-rikorrent sostna wkoll li dejjem kien konsistenti fuq il-mertu tal-kaz jigifieri li bazikament ma kienx hu li allegatament seraq il-*jerry cans* u allura qed jallega *frame-up* u li dawn tpoggew fil-karozza privata tieghu ghax kif kien jaf kulhadd din kienet tkun dejjem miftuha.

Is-socjeta' intimata nsistiet li ghandha provi cari minn tliet impjegati li kollha ghamlu *statements* kemm lill-kumpanija u lill-Pulizija u dawn dejjem kienu konsistenti mill-bidu nett. Illi wiehed minn dawn il-haddiema ra minn ftit metri boghod lir-rikorrent idahhal il-*garbage bags* suwed li fihom sab il-*jerry cans* mimlijin biz-zejt. Dan irraporta u marru wkoll iz-zewg *night supervisors* u kkonfermaw dak li ra u rraporta l-ewwel wiehed. Dakinhar ir-rikorrenti kien qed isuq il-vann tas-socjeta' u dahal bih fil-parkegg fejn kien hemm il-karozza privata tieghu u fejn ukoll kien hemm iz-zejt.

Ghaldaqstant is-socjeta' intimata qed issostni li l-provi jezistu u huma cari inkluz impjegat li ra lir-rikorrent idahhal il-boroz suwed fil-karozza privata tieghu u li dawn huma fatti konfermati.

Is-socjeta' irreferiet ukoll li fil-passat kien hemm suspett ta' serq ta' zejt, li r-rikorrent gieli uza l-karozza tieghu fuq xoghol u li huma jaqbdu mieghu fuq politika. Sostniet li dawn huma skuzi bla bazi rigward dan il-kaz.

Is-socjeta' sostniet ukoll li rigward il-*fingerprints*, il-pulizija dahhlithom is-socjeta' u mhux ir-rikorrent. Fuq il-process dixxiplinarju s-socjeta' intimata spjegat li kollox sar skont il-procedura inkluz li sar l-appell bir-rikorrent konoxxenti ta' dak kollu pprezentat inkluz l-istatements tat-tliet haddiema ewlenin f'dan il-kaz u li kienu lesti jixhdu inkluz fl-appell izda ma gewx mghajjta u dan xehdu s-Sur Simiana li wkoll ikkonferma li dakinhar tal-kaz ic-CCTV cameras ma kinux qed jahdmu.

It-Tribunal analizza u ezamina x-xhieda, l-fatti u l-provi kollha bl-akbar reqqa.

Kaz li l-konsistenza ta' dawn kienet tali li spikkat, kemm min-naha tar-rikorrent u kemm mis-socjeta' intimata.

It-Tribunal izda jrid jasal ghal decizjoni bil-fatti u l-provi li ghandu quddiemu.

It-Tribunal qed jaghti ragun lis-socjeta' intimata li t-tkeccija kienet wahda gusta fejn principalment ipproduciet xhieda konsistenti minn tliet haddiema li kkonvincew lil dan it-Tribunal jiddeciedi favur it-tkeccija. Il-process dixxiplinarju kien accettabbli ghal dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal qed jaghti ragun lis-socjeta' intimata li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet wahda gusta.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 qed jigi stabbilit li d-drittijiet ta' min assista l-partijiet huma ta' tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
CHAIRMAN

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja